**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 22**

IT-TLIETA 27 TA' APRIL 2010 FIS-6.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 21 ittieħdu bħala moqrija . Dawn ġew approvati wara li ġew emendati.

Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Il-Kunsill ġie nfurmat li permezz ta' l-iskema tal-libreriji pubbliċi l-Kunsill ingħata vouchers biex jissarrfu f'kotba Maltin kif ukoll is-somma ta' **Euro230.**

**ii** **Dwar** l-instalazzjoni tal-photovoltaic panels is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li reġgħet kitbet kemm lill-Kummissarju ta' l-Artijiet kif ukoll lill-Awtorita' tad-Djar biex jiġi identifikat jekk il-bejt u t-turretta humiex tas-sidien jew għadhomx propjeta' tal-Gvern. Hija qalet li kellmet lis-Sur M. Magro mill-Awtorita' tad-Djar u dan se jibgħat din l-informazzjoni sa l-aħħar ta' dan ix-xahar.

iii Il-Sindku nfurmat li kellmet lill-Kuntrattur dwar it-talba tas-Sur Portelli biex titressaq il-bozza tat-triq kif ukoll dwar l-installazzjoni ta' bozoz ġodda ħdejn il-BlkE3 u l-Blk B4. Is-Sindku nfurmat li kellmet lill-Kuntrattur biex jagħmel l-istimi tax-xogħlijiet involuti biex tersaq il-bozza kif ukoll issir site visit biex jiġi identifikat jekk hemmx bżonn ta' aktar dawl f'dawn iż-żoni.

iv Is-Sindku nfurmat li l-konferenza tal-ECAD li kellha ssir din il-ġimgħa ġiet ikkanċellata peress li l-parteċipanti barranin kellhom problema biex jiġu Malta minħabba tal-volcanic ash li effetwa t-traffiku ta' l-ajru.

Antoinette Vassallo  
Sindku

Marisa Pisani  
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…)

v Dwar l-attivita' kulturali bejn Ta' Xbiex u Ilioupoli s-Sindku rrappurtat li l-Griegi kkonfermaw li għal din l-attivita' jistgħu jibgħatu biss delegazzjoni mill-Kunsill. Ġie deċiż li ninfurmaw b'dan lill-Ambaxxatur Grieg biex naraw jistax isib artisti u żeffiena Griegi biex jipparteċipaw f'din l-attivita'. Dwar il-possibilta' li jsir *friendship agreement* ma xi Lokalita' li għandha konnessjoni mal-Coastal Forces Heritage Trust is-Sindku nfurmat li Mjr. Trevor Robotham issuġġerixxa li nagħmlu kuntatt mal-Kunsill ta' Dartmouth. Hija qalet ukoll li hu ħa l-inkarigu li jinformahom bil-proposta tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

*vi* Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li nhar ta' Tlieta u Ġimgħa għad qed ikun hawn min joħroġ il-boroż suwed barra b'konsegwenza li dawn jibqgħu fil-post sas-Sibt filgħodu. Is-Sindku qalet li l-Green Wardens għamlu sorveljanza tajba fejn tneħħew l-iskips u anke ġew imħarrka diversi persuni li nqabbdu jabbużaw. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ntbgħatu diversi notifiki kemm lir-residenti kif ukoll lis-settur kummerċjali u l-uffiċini dwar din il-materja. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li fejn ikun hemm rapporti ta' abbuż jintbgħatu l-gwardjani.

vii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadda d-draft tal-bye law dwar Reklami ma l-għamara tat-Toroq lil Awditur Ġenerali.

viii Dwar l-iżvilupp li qed isir fi Triq Abate Rigord kantuniera ma Triq l-Imradd is Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ħaddiema ħadu l-kejl ta' fejn hemm l-għarmar fuq il-bankina. Is-Sindku qalet li biex jitneħħa l-periklu tneħħew żewġ parking bays u saru s-sinjali fejn ikunu jistgħu jimxu n-nies. Il-Kunsill qabel li jingħata 50% skont fuq ir-rata stipulata.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…)

ix Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li reġgħet kitbet lill-GreenMT il-bins għas-**separazzjoni ta’ l-iskart** li kellhom jitpoġġew fix-Xatt. B’referenza għal-kuntratt tal-iskart tal-ippakkeġjar is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma l-Kunsill bir-rata ndikata fil-Kuntratt kif wkoll tieħu ħsieb li ssir evalwazzjoni biex jiġi identifikat liema hija l-aktar xelta vantaġġuża biex inħeġġu iktar lir-residenti jissepparaw l-iskart.

x Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti nformat li huwa tkellem mas-Sur Bertu Cristiano u dan wera nteress fil-proposta tas-Sur William Galea li jiġi ffurmat tim tal-futbol li jirrappreżenta lil Ta’ Xbiex. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir laqgħa bejn il-partijiet kollha nvoluti.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet għall-minuti tal-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni ta’ l-Offerti li ġew iċċirkulati minn qabel lill-Kunsillieri. Hija pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u astensjoni.

ii Is-Sindku li fil-laqgħa li kellha mal-Onor. C. Said infurmatu bil-problema dwar l-attivita’ kulturali msemmija hawn fuq. Hija rrappurtat ukoll li fil-laqgħa ġie diskuss is-servizz tas-Sur A. Teuma u l-Kunsill qabel li dan għalissa jibqa’ kif inhu.

iii Dwar il-kiosk tal-ġelat li hemm armat fix-Xatt is-Sindku nfurmat li tkellmet mas-Supt. ta’ l-Għassa ta’ tas-Sliema kif ukoll ma l-Enemalta peress li dawn ġeddewlu d-dawl temporanju minkejja li l-Kunsill oġġezzjona. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija kitbet lil diversi dipartimenti dwar din il-materja.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli ...)

Il-Laqgħa ġiet sospiża biex il-Kunsill iddiskuta l-audit adjustments mal-Accountant tal-Kunsill is-Sur Pierre Mangion.

iv Is-Sindku pproponiet li l-aġġustamenti li saru fil-Financial Statement għas-Sena Finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

v Is-Sindku nfurmat bil-proġett li qed isir bejn diversi Kunsilli u l-Kuleġġ ta' Santa Tereża. Hija qalet li s-Segretarju Parlamentari C. Said ħeġġeġ lil Kunsilli li jipparteċipaw f'din l-iskema ta' finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli. Il-Kunsill qabel ma dan.

vi Il-Kunsill approva x-xiri ta' laptop żgħir (notebook) biex jintuża mis-Segretarju Eżekuttiv għal prezz ta' Euro495.

vii Il-Kunsill iddiskuta Memo 51/2010 dwar WIFI Access Points. Ġie approvat li l-Kunsill iġġedded il-kuntratt tas-servizz tal-WIFI ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk hu possibbli ssir access point fix-Xatt ħdejn l-Acquatic Sports Club.

viii Il-Kunsill iddiskuta Jum Ta' Xbiex. Is-Sindku qalet li se tħejji program li jinkludi quddiesa, l-għoti ta' Ġieh Ta' Xbiex kif ukoll riċeviment. Ġiet diskussa il-possibilta' li jsir kunċert fil-Parroċċa. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ħa l-inkarigu li jindaga kemm tkun l-ispiża jekk jipparteċipa l-Kor Amadeus. Ġie diskuss ukoll Ġieh Ta' Xbiex li jrid jingħata lil ex-Viċi SindkuA. Farruiga, lil ex-Kunsillier M. Vassallo u lil ex-Kappillan Fr. Victor Mallia. Il-Kunsillier E. Muscat ippropona li dan jingħata lit-Tabib Bonnici li kien Membru Parlamentari u anke Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillieri ressqu diversi lmenti li ttieħdet nota tagħhom biex tittieħed azzjoni neċessarja.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li reġa' hawn diversi postijiet li fihom il-ħaxix ħażin. Huwa rrapporta wkoll li fid-daħla tal-ġnien hemm bollard tal-konkos maqluba. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni wkoll li l-parti tal-bankina biswit il-ħajt tal-għalqa fi Triq Prinċipessa Elizabetta għadu maqlugħ. Huwa rrefera wkoll għall-Kuntratt tal-Knis u qal li l-Kunsill għad m'għandux skeda ta' meta qed jiġu miknusa t-toroq.

iii Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li wara l-flat tiegħu hemm it-tabelli tar-RPS mhux qegħdin kif suppost. Huwa rrapporta wkoll li l-Kuntrattur li kien qed jaħdem fi Triq il-Ħalġ ħalla ħafna mbarazz fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li dan jitneħħa.

iv Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera wkoll għar-riżoluzzjoni fejn kien sar qbil li jitwaqqaf klabb tal-persuni kollha li kienu ngħataw Ġieh Ta' Xbiex. Is-Sindku qalet li hija kienet sejħet laqgħa tal-Kumitat li tagħha kien membru wkoll l-istess Kunsillier u peress li huwa m'attendiex il-laqgħa baqgħet ma saritx. Hija qalet li 'l quddiem tagħmel laqgħa dwar dan.

v Il-Kunsillier F. Roe ġibed l-attenzjoni li hawn diversi bins fil-Lokalita' li m'għandhomx barmil. Huwa rrapporta wkoll li x-shelters li hemm fix-Xatt jinsabu miftuħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija diġa' kienet għamlet rapport dwar dan. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar din il-materja.

vi Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għal konfini tal-Lokalita' u staqsa kienx hemm xi żviluppi dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Avukat tal-Kunsill kien qed jieħu ħsieb din il-materja. Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir kmieni wara nofs-in-nhar u għaliha jattendi l-avukat biex din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal ħajt li waqa' bil-maltemp fi Triq Ġ. Cali'. Hija qalet li Dr. M. Testaferrata qed jitlob informazzjoni mil-Kunsill peress li dan għamel ħsara lil xi vetturi. Hija qalet li huwa ntalab iġib din l-informazzjoni mingħand il-Pulizija pero' xorta baqa' jinsisti li l-Kunsill jirrispondi l-ittra tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li din il-materja tiġi ttrattata mill-Avukat tal-Kunsill.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntrattur J. Borg infurmana li kien għamel żball fl-ammont imniżżel fl-invoices kollha għas-servizz tal-knis kif ukoll għas-servizz tat-tindif tax-Xatt (beach). Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ispiża involuta tammonta għal madwar 2904.65 Euros. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li nieħdu ruling mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskema tas-saħħa li l-Kunsill għandu mal-AKL waslet biex tiġġedded. Is-Sindku pproponiet li din tiġl mġedda. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Din ġiet approvata unanimament.

iv Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat agreement bejn il-Kumpanija Go u l-Kunsill biex tiġi nstallata repeater fl-uffiċċju amministrattiv. Dan ġie approvat unanimament.

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-pagamenti skond l-iskeda li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri.

**Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2010 fil-3.30p.m.**

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |